*"Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa, li l-aħwa jgħammru flimkien!"*
Salm 133, 1

Mumenti miż-Żjara Fraterna tas-seminaristi ta' Maynooth College...


sem&u

April 2019
Ħarġa nru 11

**Is-Seminarju u Int**
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt












# Is-seminarista jeħtieġ nies li jitolbu għalih.

Ninsabu qrib ix-xahar ta' Mejju. Ix-xahar ta' Jum l-Omm. Ix-xahar iddedikat ukoll lil Ommna Marija. Ix-xahar mela tal-ommijiet.

Fuq ommna Marija tkellimna fil-ħarga ta' qabel. Qegħdin ukoll niċċelebraw is-Sena dedikata lilha. Imma l-ommijiet tas-seminaristi ftit li xejn insemmuhom, għalkemm flimkien mal-missirijet għandhom post speċjali fil-qalb tas-seminarju. Huma taw il-ħajja u ttrasmettew id-don tal-fidi lil binhom, biex hekk huwa seta' jagħraf is-sejħa li kien qed jagħmillu l-Mulej.

Kull omm ta' saċerdot futur tfakkarna f'Marija ta' Nazaret, omm is-Saċerdot ta' Dejjem. Ġesu' kien joqgħod għaliha u għal żewgħa Ġużeppi (ara Lq 2, 51). Marija kellha sehem kbir fin-nisġa tas-saċerdozju ta' Ġesù.

Hija grazzja tkun omm ta' saċerdot! Fl-istorja vokazzjonali tal-gżejjer tagħna kienu bosta dawk l-ommijiet kienu jitolbu biex xi ħadd minn uliedhom isir saċerdot. It-talba tal-omm għal uliedha għandha qawwa quddiem Alla. Omm li bintha kellha spirtu ħażin u li kienet magħdura ħafna tmur għand Ġesù titolbu bil-ħniena u frott tal-fidi tagħha Ġesù sema' talbha u bintha fieqet (ara Mt 15, 21-28). Santa Monika kienet titlob bil-ħerqa għal binha li kien 'l bogħod minn Alla. It-talb ta' din l-omm instema' tant li binha sar saċerdot u llum huwa meqjus bħala qaddis kbir, għaref u duttur tal-knisja. Kien Santu Wistin.

Barra l-ommijiet naturali hemm oħrajn li jagħżlu jadottaw saċerdot jew seminarista u jitolbu għalih. Isiru għalih dik 'l-omm spiritwali'. Dan it-talb ta' interċessjoni jogħġob ħafna lill-Mulej għax dawn l-'ommijiet' għandhom għal qalbhom il-Knisja, l-għarusa ta' Kristu.

Jistax ix-xahar ta' Mejju, ix-xahar ta' Jum l-Omm - u forsi x-xhur l-oħra wkoll - jibda jitqies ukoll bħala x-xahar tal-'ommijiet spiritwali' għas-seminarju tagħna? Kull mara, miżżewġa jew le, anke jekk hija reliġjuża tista' tieħu dan il-rwol. Tagħżel li tibda titlob għal seminarista partikolari li jkun mill-parroċċa tagħha jew li ġiet f'kuntatt miegħu, jew inkella tista' tagħżlu hi mil-lista tas-seminaristi li tinsab fl-aħħar tal-artiklu. Fiex jikkonsisti dan l-impenn? Hi tibda toffri ħinijiet ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u talb ieħor għalih. Tista' ukoll issum jew toffrilu t-tbatijiet tagħha speċjalment tal-mard. Il-ħidma issir fl-anonimat, fil-moħbi: is-seminarista ma jkunx jaf min hi jew min huma dawk l-'ommijiet spiritwali' li adottawh.

Jasal jum l-Ordinazzjoni Djakonali u Saċerdotali tiegħu, u forsi dakinhar dik l-'omm' tattendi għall-funzjoni b'dak il-ferħ f'qalbha għax tħossha parti min-nisġa ta' dak is-saċerdot meta 'adottatu'. X'rigal sabiħ dik l-'omm' tkun offriet lill-Knisja!



Bit-talb tal-interċessjoni, is-seminarista jkompli jissaħħaħ aktar fil-grazzji marbutin mal-vokazzjoni u jagħraf aħjar dak li l-Mulej irid minnu. Jekk triqtu hija s-saċerdozju huwa jkompli jifforma lilu nnifsu fuq il-mudell ta' Kristu Saċerdot u Ragħaj. Nafu kemm illum it-tentazzjonijiet huma kbar. Nafu wkoll li bħala żagħżugħ huwa jsib quddiemu xkiel ta' kull xorta... u nafu wkoll li d-dinja li ser isib ruħu fiha bħala saċerdot ser tkun dejjem iżjed diffiċli minn dik ta' llum. Is-seminarista jeħtieġ nies li jitolbu għalih.

Is-seminaristi ta' din is-sena huma: Samuel Aquilina, Matthew Attard, Marlon Bajada, Ġorġ Pisani u Carlos Vargas (l-Ewwel Sena); Matthew Borg u Franklin Micallef (It-Tieni Sena); Joseph Bajada (It-Tielet Sena); Matthew Bajada u Gabriel Vella (Is-Sena Intermedjarja); u Mario Mercieca (Is-Sitt Sena). Kollha kemm huma għandhom bżonn ta' iżjed ommijiet!

**Dun Alex Refalo**
*Direttur Spiritwali*

*Grazzi* mill-qalb lil dawk kollha li kkontribwew fil-ġbir li sar b'risq is-Seminarju fl-Eżerċizzi tar-Randan.

*Nistednukom* għall-**Velja ta' Talb** nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2019 u għall-**Ordinazzjoni Djakonali u Presbiterali** l-għada l-Ġimgħa 14 ta' Ġunju

Il-Bord Editorjali, l-Edukaturi tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw

*l-Għid it-Tajjeb*

lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha tas-Seminarju.

Nhar is-Sibt 12 ta' Jannar sar it-**tberik tal-ikona**. Din ix-xbieha tirrappreżenta t-tema meħuda mill-Vanġelu ta' San Mark (Mk 4, 1-20) li qed takkumpanja l-komunità matul din is-sena: *"oħrajn waqgħu f'art tajba u għamlu l-frott."* Wara saret spjega tal-ikona minn Dun Joseph Mercieca.



Is-seminarista Mario Mercieca ressaq it-talba tiegħu quddiem Mons. Isqof għall-**ordinazzjoni djakonali**, nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar.

Nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar, fis-6.00pm, saret **ċelebrazzjoni ekumenika mal-komunità Anglikana**, fil-kappella tas-Seminarju. Wara, il-komunità tagħna kellha laqgħa ta' formazzjoni mar-Rev. Simon Godfrey, il-*pastor* tal-komunità Anglikana.





Nhar il-Ħamis 17 ta' Jannar, fl-okkażjoni taż-żjara tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mas-Sena Marjana, il-komunità tas-Seminarju ġiet mistiedna mill-Parroċċa ta' San Ġorġ biex tieħu sehem fil-quddiesa tat-8.00am.

L-**ewwel semestru** ġie fi tmiemu **nhar is-Sibt 18 ta' Jannar**. Wara l-eżamijiet is-seminaristi qattgħu tlitt ijiem mistrieħ ġewwa Malta.



Nhar is-Sibt 16 ta' Frar, saret taħdita bit-tema: ***Owners or guardians? Moral and Ecological Significance of Laudato Si'***, mill-Professur Portugiż José Carlos de Miranda.



Nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar, il-komunità tagħna kellha **laqgħa ta' formazzjoni** minn Bro. Gennaro and Bro. Mark, missjonarji tal-karità.

Fi Frar, fil-Parroċċa tax-Xagħra saret ġimgħa ta' talb għall-vokazzjonijiet. Fil-21 tax-xahar, il-komunità tas-Seminarju ħadet sehem fil-quddiesa ta' filgħaxija u fl-**adorazzjoni b'talb għall-vokazzjonijiet**, fil-knisja Parrokkjali.

Xi rappreżentanti mill-UNHCR Malta għamlu laqgħa ta' formazzjoni għas-seminaristi nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu. It-tema kienet: ***Is-sitwazzjoni tar-refuġjati f'pajjiżna.***



Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu, ilqajna fostna **s-seminaristi ta' Malta.** Iż-żjara bdiet b'mument ta' talb u wara ingħaqadna flimkien għall-ikel fir-refettorju.

Nhar il-Ħadd 17 ta' Marzu, ilqajna fostna għaxar **seminaristi mill-komunità tas-Seminarju ta' Maynooth fl-Irlanda**. Dawn baqgħu magħna sal-Ħamis 21 ta' Marzu. Iż-żewġ komunitajiet għixna flimkien diversi mumenti ta' talb u ta' fraternità, fosthom żjajjar f'postijiet ta' interess u anke partita futbol.

B'rabta mar-**Randan, ġew organizzati diversi attivitajiet**. Insemmu: ċelebrazzjoni penitenzjali, l-għoti tad-demm, Via Crucis fuq l-għolja ta' Għammar u wara korrezzjoni fraterna u rtir fis-silenzju bejn l-14 u s-17 ta' April.

Is-seminaristi jirritornaw lura s-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid, nhar it-Tnejn 29 ta' April.

# Mill-Eku tas-Sena Intermedjarja

Seminarista **Matthew Bajada**

Nistqarr magħkom li meta kont nisma' fuq is-sena intermedjarja tas-Seminarju, jew aħjar is-sena barra, kont nimmaġina sena mimlija b'esperjenzi ġodda u mhux tas-soltu. F'Settembru li għadda bdejt is-sena intermedjarja tiegħi u issa ilni għal dawn l-aħħar seba' xhur ngħix din l-esperjenza f'komunità tal-*Arche* ġewwa Bologna, l-Italja. Kienu tassew xhur li meta nħares lejhom ninduna kemm għaddew malajr, iżda fl-istess waqt inħoss li kienu xhur li tawni ħafna.

X'inhi l-*Arche*? L-*Arche* hija federazzjoni internazzjonali mwaqqfa fl-1964 mill-Kanadiż Jean Vanier li tikkonsisti f'154 komunità mxerrda madwar id-dinja. F'dawn il-komunitajiet, fosthom din ta' Bologna li twieldet fl-2001, jgħixu flimkien persuni bi bżonnijiet speċjali li jiġu assistiti minn diversi persuni oħrajn. L-għan ta' dawn il-komunitajiet huwa dak li jagħrfu d-doni tal-persuni b'diżabilità u jgħinuhom sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajja ordinarja. L-*Arche* m'hijiex soluzzjoni, iżda hi sinjal ta' akkoljenza u rispett lejn min hu l-aktar fraġli. Din l-akkoljenza tinbidel f'ħajja komunitarja bejn nies ta' kultura, opinjonijiet, u twemmin reliġjuż differenti.



Bħala voluntier f'din il-komunità jien qiegħed ngħix u naħdem ma' persuni li għandhom xi forma jew oħra ta' diżabilità fiżika jew mentali u ma' persuni oħra li jassistuhom. L-imħabba ta' dawn il-persuni lejn dawn in-nies bi bżonnijiet speċjali hi tassew xhieda awtentika ta' ħajja mogħtija għall-oħrajn. Kienu u għadhom jolqtuni l-akkoljenza u d-disponibiltà tar-residenti kif ukoll ta' dawk li jgħinuhom. Kull persuna b'diżabilità hija eżempju ċar ta' ħajja mgħixha b'ferħ u b'sempliċità; ħajja li m'għażluhiex huma, iżda sempliċiment laqgħuha bil-qalb minn Alla.

Ix-xogħol li qed inwettaq f'din il-komunità jinkludi għajnuna fil-'laboratori', li huma attivitajiet li jsiru matul il-ġurnata bħal pereżempju kitba, qari, kompjuter, mużika, logħob edukattiv, drama, xogħol fit-tafal, pittura, u tisjir fost l-oħrajn. Filgħaxija ngħin fid-djar residenzjali ta' din il-komunità. L-ispiritwalità hija ċentrali fil-ħajja ta' kull komunità tal-*Arche*. Il-mumenti ta' talb huma pjuttost sempliċi, iżda juru kemm dawn il-persuni għandhom rabta speċjali ma' Alla. Ħafna drabi nħoss il-preżenza ħelwa ta' Alla fil-mumenti li għalihom huma jinġabru biex jitolbu għall-persuni l-aktar għeżież għalihom jew inkella jirrakkuntaw xi mument sabiħ tal-ġurnata.

Dawn il-persuni b'diżabilità jitolbu attenzjoni u jesprimu kontinwament ix-xewqa ta' sostenn morali minn min jieħu ħsiebhom. Dan is-sostenn jissarraf fil-laqgħa ma' Alla u miegħi nnifsi. Infatti, ta' sikwit nagħraf kemm xi drabi l-bżonnijiet tagħhom huma wkoll il-bżonnijiet tiegħi, u kemm id-dgħufijiet tagħhom huma wkoll id-dgħufijiet tiegħi. Fil-ħajja komunitarja mhux kollox hu perfett, però hi ħajja li tgħin lill-bniedem jiskopri aktar fil-fond lilu nnifsu u lill-oħrajn. Il-fundatur tal-*Arche* Jean Vanier, fil-ktieb tiegħu *Community and Growth*, jgħid li f'komunità l-bniedem ma jikbirx meta jgħix is-suċċessi li jkun kiseb, iżda meta jgħix id-dgħufijiet tiegħu.

Id-dixxerniment huwa wieħed mill-iskopijiet tas-sena intermedjarja. Il-post u n-nies li wieħed jiltaqa' magħhom iwasslu lil dak li jkun biex jistaqsi u jirrifletti fuq ħajtu u f'liema direzzjoni jkun jixtieq imur. Dan il-proċess isir mhux biss f'relazzjoni mal-persuni li wieħed jiltaqa' magħhom, iżda fuq kollox isir f'relazzjoni ma' Alla. Inħoss li s-sena barra hija vjaġġ li għalih titlaq b'mistoqsijiet u bi ħsibijet, iżda li jwasslek f'postijiet u sitwazzjonijiet li qatt ma tkun ħlomt li ser tesperjenza. Bla dubju, wieħed għandu jgħix dan il-vjaġġ b'sens ta' libertà, apertura, sinċerità, u fiduċja fih innifsu, fil-persuni ta' madwaru, u fuq kollox f'Alla. Wieħed irid ikun kapaċi jwarrab ix-xewqat tiegħu u jħalli lil Alla jaħdem fih u f'dak li jagħtih.

Żgur li s-sena intermedjarja hija żmien uniku fil-formazzjoni. Dawn ix-xhur li għaddew kienu mżewwqa b'għadd ta' mumenti li żgur ser iħallu timbru f'ħajti. Filwaqt li nirringrazzjakom tal-ħsieb u t-talb tagħkom għalina s-seminaristi, nawguralkom l-Għid it-tajjeb. J'Alla l-ferħ ta' Kristu Rxoxt jgħinna npoġġu s-sitwazzjonijiet, ix-xewqat, u l-mistoqsijiet tagħna quddiem Alla ħalli b'hekk naslu biex nagħrfu u nagħmlu tagħna dak li verament Hu jixtieq minna.

